

Brussell, 23 ta' Marzu 2022
(OR. fr)

7215/22

RECH 131
COAFR 77

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Approvazzjoni mill-Kunsill tal-ftuħ ta' negozjati bejn l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Unjoni Afrikana (UA) dwar Aġenda Komuni għall-Innovazzjoni - Awtorizzazzjoni biex jiġi nneozjat strument mhux vinkolanti

1. Fl-4 ta' Marzu 2022, il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka ġie infurmat mill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħha li tidħol f'negozjati, f'isem l-Unjoni, dwar strument mhux vinkolanti dwar Aġenda Komuni għall-Innovazzjoni bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana (UA), bil-ħsieb li tiġi adottata fil-laqgħa ministerjali UE-UA dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni skedata għall-bidu tal-2023¹.
2. L-iżvilupp ta' Aġenda Komuni għall-Innovazzjoni bejn l-UE u l-UA jirriżulta mill-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2021 dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u għandu l-għan li jappoġġa l-bini tal-kapaċitajiet ta' riċerka u t-traduzzjoni tar-riżultati tar-riċerka f'benefiċċji soċjoekonomiċi u ambjentali.
3. Huwa mifhum li l-Kummissjoni ser tikkonsulta mill-ġdid lill-Kunsill fi tmiem in-negozjati biex tikseb l-awtorizzazzjoni tiegħu għall-iffirmar tal-ftehim ta' livell għoli f'isem l-UE.

¹ 6642/22

4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi lill-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja l-Aġenda Komuni għall-Innovazzjoni bejn l-UE u l-UA.
-